Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti Ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat A. Micallef Trigona

Kumpilazzjoni Nru: 92/2015

Il-Pulizija

Spettur James Grech

Spettur Carol Fabri

v

Dejan Petkovic

Illum 19 ta' Jannar , 2016.

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imsemmi Dejan Petkovic , detentur ta' passaport Serb bin-numru 011827405, akkuzat talli:

Fil-lejl ta' bejn il-25 u s-26 ta' Ottubru, 2013 gewwa San Giljan,

1. Ikkommetta serq ta' diversi oggetti minn gewwa residenza Hillside Court, Flat 7, sitwata gewwa Telghet Birkirkara, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-ammont ta' €2329.37, bil-lok u bil-hin ghad-detriment ta' Lorenzo Luigi, Antonio Macheda u/jew persuna/I u/jew entita'/jiet ohra;

2. U aktar talli xjenetement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew xjentement, b’kullmod indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

Akkuzat ukoll talli fil-lejl ta’ bejn id-19 u l-20 ta’ Jannar, 2015 gewwa San Pawl il-Bahar ,

3. Ikkommetta serq ta’ flus kontanti, xorb, sigaretti u/jew oggetti ohra minn gewwa Champions Kiosk sitwata gewwa Triq il-Qawra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-ammont ta’ €2329.37, u bil-hin ghad-detriemtn ta’ Jospeh Tanti u/jew persuna/I u/jew entita/jiet ohra.;
4. U aktar talli xjenetment laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, jew xjentement, b’kull mod indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

U aktar talli fil-lejl ta’ bejn is-26 u s-27 ta’ Jannar, 2015 gewwa Swieqi u/jew fi bnadi ohra f’dawn il-gzejjer,

5. Saq vettura tal-ghamla BMW bin-numru ta’ registrazzjoni Bulgaru X7653BP minghajr ma kienet koperta b’polza ta’ assigurazzjoni dwar ir-riskji ta’ terzi persuni;
6. U aktar talli akkwista jew kellu fil-pussess tieghu ghal liema ghan ikun, zamm jew importa munizzjoni li jirrilaxxa sustanzi letali jew irritant bhal gass tad-dmugh, kif ukoll garr ‘il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta’ jew bil-ponta u cioe butterfly knife, projbita skont l-artikolu 3 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta, minghajr licenzja jew permess minghan ill-Kummissarju.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-vettura BMW bin-numru ta' registrazzjoni Bulgaru X7653BP u kif ukoll l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti wkoll giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti tal-process;

Rat illi fis-seduta tal-llum 19 ta' Jannar, 2016 l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w taghtu ftit taz-zmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzat baqa' jtenni t-twegiba tieghu.

In vista tal-ammissjoni, ssib lil imputat hati tal-akkuzi kif dedotti. Tilliberah mill-akkuza ta' ricettazzjoni stante li hi alternattiva ghal dik tas-serq. Rat l-artikolu 261(b)(c)(e)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 269(g), 270, 278, 279(b), 280 u 281 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-artikolu 3 tal-Kapitlu 104 tal-Ligijiet ta' Malta l-artiklu 17b u h tal-Kapitlu 9, l-artikolu 3 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta u tikkundanna lill-imputat ghal-perjodu ta' tmintax-il-xahar prigunerija.

Il-Qorti tordna l-konfiska tal-vettura BMW bin-numru ta' registrazzjoni Bulgaru X7653BP favur il-Gvern ta' Malta.

Tapplika l-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 u tikkundanna lill-imputat l-ispejjez peritali.

A. M. Trigona

Magistrat